MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 146/2008

**A**

**-vs-**

**B u b'digriet tat-23 ta' Frar 2009, l-Avukat Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer inħatru kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-istess B *stante* li huwa assenti minn dawn il-gżejjer**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2002 fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta;

Illi minn dan iż-żwieġ twieled C fit-tlettax (13) ta' April 2003, u kwindi minuri;

Illi l-kontendenti ddeċiedu li jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom, u in fatti għamlu dan permezz ta' kuntratt pubbliku redatt kif titlob il-liġi in atti Nutar Dottor Tonio Cauchi u datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2006;

Illi ż-żwieġ tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, *stante* inġurji, theddid, vjolenza fiżika u psikoloġika, eċċessi, sevizzi kif ukoll abbażi ta' natura sesswali mwettqa mill-intimat fil-konfront ta' l-esponenti;

Illi l-intimat qatt ma aċċetta li jmur jaħdem u dejjem ippretenda li l-esponenti għandha taħdem hi biex tmantni lilu;

Illi t-tentattivi għal separazzjoni personali ma rnexxewx *stante* n-nuqqas ta' interess mill-intimat kif ukoll inadempjenza da parti tiegħu għaliex l-interess prinċipali ta' l-intimat huwa li jakkwista l-jedd għall-moviment ħieles;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara s-separazzjoni *ad mensa et thoro* bejn il-konjuġi kontendenti;

Tassenja l-kura u l-kustodja tal-minuri C esklussivament lill-esponenti;

Tiddikjara illi l-intimat huwa obbligat iħallas il-manteniment għal ibnu l-minuri C, tiffissa dik ir-retta ta' manteniment mensili li tkun xierqa u adegwata, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-intimat kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-istess minuri, liema rata l-istess intimat hu obbligat li jħallas, u tordna lill-intimat iħallas dik ir-retta ta' manteniment li tiġi hekk iffissata minnha;

Tordna lill-intimat sabiex *entro* terminu qasir u perentorju minnha prefiss jiżgombra mill-fond immarkat bin-numru sebgħa (7), bl-isem *omissis…*

Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju minnha prefiss, jikkonsenja lill-esponenti kwalsiasi beni proprjeta’ tagħha, u fin-nuqqas, tikkundannah iħallas lill-esponenti l-valur ta’ dawn il-beni kif likwidati minnha, anke *occorrendo* bl-opera ta’ periti nominandi;

Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimat iddekada mill-jeddijiet kollha tiegħu, kif maħsub fl-Artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili;

Tawtorizza lill-esponenti tirreġistra *ossia* tniżżel l-eventwali sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fir-Reġistru Pubbliku, għal kull *buon fini*;

U dan *previa* kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-23 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu ġew nominati l-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati, preżentata fid-29 ta’ April 2009, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu għall-kawża u hekk kif l-attriċi tgħaddilhom kull tagħrif li għandha – l-aktar l-indirizz ta’ B, li għalih huma nħatru biex jidhru – huma jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqbdu miegħu u jkunu jistgħu jwieġbu kif imiss.

Rat l-affidavits preżentati mill-attriċi fosthom tal-istess attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet ġia' temmew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-24 ta' Jannar 2006.

Eżami anke superfiċjali tal-provi juri biċ-ċar illi l-attriċi għandha raġun titlob is-separazzjoni u wieħed ma jistax ma jissimpatiżżax magħha għas-sofferenzi li għaddiet minnhom minħabba l-aġir ta' żewġha matul il-perjodu taż-żwieġ. Il-lanjanzi li hija semmiet fir-rikors promotur ġew kollha pruvati u biżżejjed wieħed jara li huwa tista' tgħid mill-ewwel kien ħati tad-diversi lanjanzi solitament indikati f'dawn il-kawżi (u indikati mill-istess liġi) u ikkawża uġigħ kemm lilha u kemm lil binthom. Eventwlament abbandunahom u telaq minn Malta.

**RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

L-attriċi tgħid li tat lill-konvenut ċirka tletin elf Ewro (€30,000) għal diversi raġunijiet u dawn qatt ma ngħataw lura.

**MANTENIMENT**

Il-konvenut qatt ma ħallas manteniment u l-attriċi ġustament qed titlob l-konvenut jiġi kkundanat iħallas manteniment għal binhom minuri. Sfortunatament m'għandha ebda idea kemm qed jaqla' jew xi proprjeta' għandu, u għalhekk il-Qorti se tordna ħlas ta' manteniment nominali ta' mitt Euro fix-xahar għall-minuri.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti tort tal-konvenut;**
**2. Tilqa' t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri C f' idejn l-attriċi;**

**3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment għall- minuri *rebus sic standibus*;**
**4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-attriċi għandha dritt tibqa' tgħix fid-dar konjugali msemmija mal-minuri u bl-esklużjoni tal-konvenut illi għandu jiżgombra minnha b'effett immedjat;**
**5. Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-konvenut iħallas lura lill-attriċi s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000);**
**6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-jeddijiet tiegħu *ai termini* tal-artikolu 48 u dawk li jsegwuh tal-Kodiċi Ċivili;**
**7. Tilqa' s-seba' talba;**
**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut iżda l-attriċi għandha tħallas proviżorjament l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------